MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 1282/2002/1

**HSBC Bank Malta plc.**

**v.**

**Rita Caligari u Emanuel Degiorgio**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Emanuel Degiorgio minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Gunju 2007 li laqghet it-talbiet tas-socjeta` attrici wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Din is-sentenza

sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell.
"Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-13 ta' Novembru, 2002 li permezz tagħha s-soċjeta` attriċi esponiet bir-rispett:

"Illi l-konvenuta Rita Caligari kienet isseparat minn żewġha l-konvenut Emanuel Degiorgio in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Carmelo Lia tal-21 ta' Novembru, 1984 li permezz tiegħu l-fond "Faith" fi triq bla isem, illum Triq Anton Manwel Caruana, f'Baħar iċ-Ċagħaq, limiti ta' Ħal Gharghur tħalla barra mid-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti liema fond kien jappartjeni lill-konvenuti f'nofs indiviż kull wieħed.

"Illi l-konvenuta Rita Caligari hija debitriċi tal-bank attur fis-somma ta' Lm30,789.71 oltre l-imgħaxijiet legali mill-21 ta' Marzu, 2001 fuq *overdraft account* numru 011 055571 001 u fis-somma ta' Lm43,576.66 oltre l-imgħaxijiet legali mill-21 ta' Marzu, 2001 fuq *loan account* numru 011 055571 300.

"Illi l-bank attur skopra reċentement illi in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler tal-15 ta' Lulju, 1999 il-konvenuta assenjat sehemha indiviż mill-fond imsemmi lill-konvenut taħt forma ta' bejgħ simulat bħala diviżjoni.

"Illi bejgħ bejn il-miżżewġin huwa null a bażi tal-Artikolu 1366 tal-Kodiċi Ċivili.

"Illi dan il-kuntratt sar manifestament b'qerq mid-debitriċi bi ħsara tal-jeddijiet tal-bank attur in kwantu bil-publikazzjoni tal-preċitat kuntratt tal-15 ta' Lulju, 1999 il-valur tal-assi li baqa' f'idejn il-konvenuta m'humiex biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas tad-dejn li l-konvenuta għandha mal-bank attur.

"Illi l-konvenut kien konsapevoli tal-istat finanzjarju prekarju tal-konvenuta.

"Igħidu għalhekk l-istess konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti:-

“1. Tiddikjara li l-kuntratt fuq imsemmi tal-15 ta’ Lulju, 1999 sar b’qerq mill-konvenuta Rita Caligari bi ħsara tal-kreditur li l-bank attur għandu kontra tagħha.

“2. Tiddikjara li l-kuntratt fuq imsemmi tal-15 ta’ Lulju, 1999 sar b’qerq mill-konvenut Emanuel Degiorgio bi ħsara tal-jeddijiet tal-bank attur.

“3. Tiddikjara li l-kuntratt fuq imsemmi kien fil-fatt bejgħ u mhux diviżjoni u bħala bejgħ kien null *ai termini* tal-artikolu 1366 tal-Kodiċi AĊivili.

“4. Tħassar u tirrexxindi l-kuntratt tal-15 ta’ Lulju, 1999 *de quo* u tinnomina Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ rexxissjoni relattiv prevja n-nomina ta’ kuratur sabiex jirrappreżenta fuq l-istess l-eventwali kontumaċi.

“Bl-ispejjeż inklużi dawk taż-żewġ ittri uffiċjali tal-5 ta’ Ġunju, 2001 u tat-23 ta’ Lulju, 2001 kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta` attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Degiorgio ppreżentata fid-19 ta’ Awwissu, 2003 li permezz tagħha eċċepixxa:

“1. Illi preliminarjament in-nullita` taċ-ċitazzjoni peress li fiha kawżali u talbiet alternattivi.

“2. Illi fil-meritu l-eċċipjenti ma kkommetta l-ebda qerq u dejjem kien in *bona fede*. Kif ser jirriżulta mill-provi l-eċċipjenti ma kienx konsapevoli mid-dejn li l-konvenuta kellha mal-bank u f’kull każ il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler tal-15 ta’ Lulju 1999 ma sarx bi skop li jqarraq lil xi ħadd. Ma jeżistux l-elementi tal-*actio pauliana.*

“3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess fir-rigward tat-tielet talba tas-soċjeta` attriċi, din ma tistax

issir stante li l-kuntratt huwa *res inter alios acta* u l-uniku mezz biex is-soċjeta` attriċi timpunja l-kuntratt huwa permezz tal-*actio pauliana*.

“4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess il-kuntratt huwa dak li jgħid, jiġifieri diviżjoni.

“5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess anke kieku kellu jgħid għall-grazzja tal-argument biss li l-kuntratt huwa wieħed ta’ bejgħ, dan xorta huwa wieħed validu. M’hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi tnejn min-nies li huma legalment separati minn xulxin li jitrasferixxu proprjeta` bejniethom.

“Bl-ispejjeż u salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Rita Caligari ppreżentata fit-13 ta’ Ottubru, 2003 li permezz tagħha eċċepiet:

“1. In-nullita` taċ-ċitazzjoni billi fiha kemm kawżali u kemm talbiet alternattivi;

“2. Illi bla preġudizzju mhux minnu li l-kuntratt tal-15 ta’ Lulju, 1999 sar b’qerq;

“3. Illi bla preġudizzju mhux minnu li l-istess kuntratt huwa wieħed ta’ bejgħ iżda huwa wieħed ta’ diviżjoni; u anki kieku, għall-grazzja tal-argument biss, kien bejgħ jonqos fil-bank attur l-interess ġuridiku li jitlob in-nullita` tiegħu;

“4. Illi d-Dok. “E” esebit mill-bank attur m’għandu x’jaqsam xejn mal-każ tal-lum u għalhekk għandu jkun sfilzat; barra hekk l-isfilz għandu jsir billi l-lii titlob l-aħjar prova u dak id-dokument – li huwa sempliċi allegazzjoni u, minn fuq, f’gazzetta – żgur ma jissodisfax dak il-kriterju.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-atti proċesswali.

“Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ April, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet.

“Ikkunsidrat;

“Illi s-soċjeta` attriċi qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ kuntratt li sar bejn il-konvenuti u dan fuq żewġ kawżali li se jigu trattati wara xulxin. Dan il-kuntratt hu dak li sar fil-15 ta’ Lulju, 1999 meta l-konvenuta ċediet sehmha minn proprjeta` gia` parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u l-konvenut u dan wara li din il-proprjeta` ma kienitx ġiet maqsuma jew assenjata fil-kuntratt ta’ separazzjoni li kien sar bejniethom fl-1984. Iċ-ċessjoni saret għas-somma ta’ ħamest elef Lira Maltin (Lm5,000).

“L-ewwel kawżali hija l-hekk imsejħa azzjoni pawljana taħt l-Artikolu 1144 tal-Kapitolu 16. Il-konvenuta ma opponitx din l-azzjoni fuq il-bażi li hija għandha mezzi oħra biex tħallas lill-bank attur u għalhekk ma rriżultax li hija għandha assi oħra biex tagħmel tajjeb għad-dejn tagħha – ara s-sentenza fl-ismijiet Adrian Borg nomine v. Agostino sive Winstion Carbone et -30 ta’ Mejju, 2002 – Prim Awla tal-Qorti Ċivili u s-sentenzi hemm ċitati. Gie ukoll ċitat l-awtur Ricci – *il danno pertanto o pregudizio che i creditori debbono risentire dall atto compiuto dal debitore non puo consistere in altro se non della diminiziune della guatentigia ad essi accordata, diminuzione che cċompromette la esigibilita’ dei loro crediti.*

“Rekwisit ieħor ta’ din l-azzjoni huwa l-*consilium fraudis.* L-istess sentenza hawnhekk iċċitat sentenza tal-Appell tat-23 ta’ Novembru, 1934 Camilleri v. Agius li ċċitat lill-awtur Baudry Lacantinerie li qal hekk; *La frode paoliana differisce dal dolo nel senso che non suppone come questo l’uso di manovre sleali. Non e’ nemmeno*

*necessario che il debitore abia agito con l'intenzione di nuocere ai sioi creditori; basta che abbia avuto conoscienza del pregudizio che caginava loro.*

"Hemm bżonn pero` li f'din il-frodi jkun hemm il-parteċipazzjoni tat-terz ossija f'dan il-każ il-konvenut u dan għaliex huwa akkwista taħt titolu oneruż. Kien ikun differenti kieku akkwista permezz ta' titolu gratwitu għaliex allura jekk l-azzjoni tirnexxi huwa ma jkun tilef xejn. Il-ligi allura tirrikjedi l-parteċipazzjoni tiegħu biex tkun żgur li jekk ikun penalizzat (billi jiġi nieqes mill-prezz li jkun ħallas) ikun hemm raġuni għal dan. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1958 fl-ismijiet Angelo Mifsud v. Perit Salvatore Ellul intqal illi (l-attur) *ma jirnexxilux fil-pretensjoni tiegħu jekk ma jippruvax il-mala fede tal-akkwirent tal-fond għaliex ikun jittratta minn att pubbliku oneruż, li ma jiġix annullat jekk ma jiġix pruvat li kien hemm qerq miz-żewġ kontraenti.* Nonostante dan din il-Qorti fil-kawża Chircop v. Mifsud (25 ta' Jannar, 1954) qalet li bi frodi tat-terz akkwirent wieħed jifhem in-notizja li dan kellu tal-istat tad-debitur.

"F'dan il-każ jidher li l-konvenuta kienet effetivament f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli u fil-fatt ittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tagħha li minnhom pero` ġiet liberata mill-Qorti tal-Magistrati. Dan hu pero` importanti għas-sempliċi fatt li meta ġiet imressqa l-Qorti b'dawn l-akkużi dan il-fatt innifsu gie riportat fil-ġurnali li anke ġew esebiti. Dan ġara f'April tas-sena 1999 u kien allura biss tlett xhur wara li sar il-kuntratt in kwistjoni.

"Mill-provi jidher pero` li bejn il-kontendenti ma kienx hemm ebda rapport lanqas minimu u mill-mod kif anke kkomportaw ruħhom waqt is-seduti jidher diffiċli għall-Qorti biex tasal għall-konklużjoni li bejniethom kien hemm xi ftehim biex jiddefradaw lill-bank – din l-intenzjoni setgħet kienet hemm fejn jirrigwardja l-konvenuta iżda l-Qorti ma tħossx li ġiet pruvata fir-rigward tal-konvenut. Kif huwa magħruf il-frodi irid dejjem jiġi pruvat u qatt ma hu preżunt. Kif pero` ġia` intqal, huwa biżżejjed fir-rigward tat-terz akkwirenti li jkun jaf li *qiegħed jagħmel negozju ġuridiku li huwa ta' ħsara għall-kreditur* (Vol XXIV-III-851).

"Skond il-konvenut huwa kien irċieva ittra mingħand il-konsulent legali tagħha ta' dak iż-żmien fejn qallu li martu kienet lesta tbiegħlu sehmha mill-fond għal għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000). Skond l-Avukat tiegħu huwa ma riedx joħroġ iktar minn ħamest elef Lira Maltin (Lm5,000) għaliex ma kellux minn fejn stante li kien għadu kif tilef l-impjieg u wara xi korrispondenza waslu biex ftehmu fuq din is-somma. Iż-żmien ta' meta sar in-negozju jindika li l-konvenuta aġixxiet meta bdew jiġu ppuntati lejha l-proċeduri legali għalkemm f'dak l-istadju <u>mhux mill-bank attur</u> għalkemm miċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali jirriżulta li il-bank attur kien ġia` dakinhar ma onorax *cheque* tagħha. Għalhekk huwa verosimili li riedet tiddisponi minn sehmha biex ikollha l-flus f'idejha qabel ma l-kreditur jaġixxi fuq dan is-sehem u jista' jkun (għalkemm wieħed irid igħid li ma rriżultax b'mod ċar minn xi deposizzjoni) illi l-konvenut kien indott li jixtri s-sehem tagħha biex dan is-sehem ma jkunx soġġett għal esekuzzjoni tad-dejn ta' martu. Issa kif ġia' ingħad dan il-fatt *per se* ma rriżultax mill-provi iżda l-Qorti tista' tgħodd tnejn ma' tnejn u twassal għal erbgħa. Kif ġia` ġie msemmi, huwa biżżejjed da parti tat-terz akkwirent li jkun jaf li l-akkwist tiegħu se jkun ta' detriment għall-kreditur u fuq kollox il-kuntratt, fiċ-ċirkostanzi partikolari, kien jaġevola anke lill-konvenut għar-raġuni ġia` msemmija.

"Jekk l-ikbar ostakolu għall-azzjoni pawljana huwa dan, ma jidher li hemm ebda dubju li dan il-bejgħ sar kontra dak li jgħid l-Artikolu 1366 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li ma jistax isir bejgħ bejn miżżewġin. Il-liġi taħseb f'xi eċċezzjonijiet li pero` ċertament ma jinkwadrawx fil-każ preżenti. Skond in-noti tal-Professur Caruana Galizia waħda mir-raġunijiet għal din il-projbizzjoni hija appuntu li jistgħu jiġu preġudikati l-kredituri ta' xi ħadd mill-miżżewġin – *the resaon for this prohibition is partly the danger that the spouses may enter into this contract in order to stimulate a donation in order to defraud the rights of the persons entitled to the legitim and of the creditors* (paġna 532 – Notes on Civil Law). Għalkemm il-konvenuti kienu ġia` separati, il-liġi tuża l-kliem *il-kuntratt bejn ir-raġel u l-mara ma jiswiex.* Għalhekk fejn il-liġi ma

tiddistingwiex, ma nistgħux niddistingwu ahna. Huwa minnu li l-kuntratt sar f'termini ta' diviżjoni ulterjuri tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti iżda ma hemmx dubju li l-għan tal-kuntratt kien it-trasferiment tan-nofs indiviż tal-proprjeta` in kwistjoni u f'kull każ kellu bżonn tal-approvazzjoni tal-Qorti kompetenti.

"Fir-rigward tal-eċċezzjoni ntavolata mill-konvenuti li l-kuntratt in kwistjoni huwa *res inter alios acta* għall-bank attur, huwa evidenti li l-istess bank għandu interess jitlob dikjarazzjoni ta' nullita` tal-istess kuntratt għal raġunijiet li ġia` ssemmew ossija li jkun jista' jesegwixxi l-kreditu fuq is-sehem tal-konvenuta.

"Għal dawn il-mottivi l-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tar-raba' talba, tinnomina lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippublika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Veronique Dalli bħala kuratur tal-kontumaċji – il-kuntratt isir fil-jum, ħin u lok fejn il-Qorti tipprovdi fuq talba tal-bank attur jew tan-Nutar nominand.

"L-ispejjeż jithallsu mill-konvenuti.

"Rikors tal-appell tal-konvenut."

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b'rikors prezentat fil-21 ta' Gunju 2007.

Fil-qosor, l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

L-ewwel aggravju hu li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsdira l-eccezzjonijiet kollha tieghu u dan iwassal ghan-nullita` tas-sentenza appellata.

Fit-tieni aggravju l-appellant ighid li fl-istess kawza s-socjeta` attrici appellata ttentat taghmel l-*actio pauliana* a bazi tal-Artikolu 1144 tal-Kap. 16 u kawza ghan-nullita` a bazi tal-Artikolu 1366 tal-Kap. 16 flimkien, u li l-ewwel Qorti b'mod kontradittorju laqghet kemm l-ewwel u tieni talba kif ukoll it-tielet talba.

It-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda d-decizjoni tal-Qorti li f'nifs wiehed tikkonferma li ma gietx pruvata l-intenzjoni li l-appellant ried iqarraq bil-bank imbaghad tilqa' it-tieni talba u tiddeciedi li l-kuntratt sar b'qerq minnu.

Ir-raba' aggravju hu li l-ewwel Qorti kkunsidrat li kien hemm bzonn tal-approvazzjoni tal-Qorti ghal kuntratt ta' divizjoni bejn persuni legalment separati meta ma kienx hemm bzonn.

Il-hames aggravju hu li l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda konsiderazzjoni biex waslet ghall-konkluzjoni taghha li l-kuntratt kien wiehed simulat.

Fl-ahhar aggravju tieghu l-appellant ighid li anke kieku kellu jigi accettat li l-kuntratt kien wiehed ta' bejgh u mhux divizjoni ma hemm ebda projbizzjoni fil-ligi li persuna separata takkwista proprjeta` minghand il-parti l-ohra li hija separata minnha.

**Risposta tal-bank appellat**

Il-bank appellat jikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.  Dwar l-aggravji tal-appellant dawn gew kollha kkontestati mis-socjeta` appellata fir-risposta taghha pprezentata fit- 30 ta' Lulju 2007.

**Risposta tal-konvenuta Rita Caligari**

Rita Caligari m'appellatx mis-sentenza tal-ewwel Qorti, u ghalhekk fil-konfront taghha s-sentenza taghmel stat. Hi pero` wiegbet ghall-appell tal-bank u ghamlet taghha r-ragunijiet imressqa mill-appellant Emanuel Degiorgio.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-eccezzjonijiet kollha tieghu. Hu jghid li ghalkemm l-ewwel Qorti, fil-parti dispozittiva tas-

sentenza cahdet l-eccezzjonijiet sollevati minnu, minn qari tas-sentenza jirrizulta bic-car li fl-ebda parti ma giet trattata l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar in-nullita` tac-citazzjoni minhabba li fiha kawzali u talbiet alternattivi, liema nuqqas, skond l-appellant, jirrendi s-sentenza appellata nulla. Ghalhekk l-appellant talab li s-sentenza tigi ddikjarata nulla u l-atti jintbaghatu lura quddiem l-ewwel Qorti.

Is-socjeta` appellata wiegbet li dan l-aggravju mhux fondat. Hi tghid li l-appellant mhux qed jilmenta li l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni ma gietx deciza b'kap separat *ai termini* tal-Artikolu 730[1] tal-Kap. 12 izda li l-ewwel Qorti "naqset milli tikkunsidra l-eccezzjonijiet kollha". Ghalhekk la l-appellant ma ressaqx dan l-aggravju, din il-Qorti ghandha tezamina jekk fis-sustanza is-sentenza appellata hiex gusta. Tkompli s-socjeta` appellata li l-eccezzjoni tal-appellant tirrigwarda n-nullita` tac-citazzjoni u mhux l-assenza taghha, kif hemm previst fl-Artikolu 790[2], ghalhekk din l-eccezzjoni m'ghandhiex tintlaqa'. Inoltre l-appellata ssostni li t-talbiet taghha gew proposti kontestwalment ghall-ekonomija tal-gudizzju u t-talbiet mhumiex konfliggenti.

Kif jirrizulta mill-atti tal-kawza fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut Degiorgio kien eccepixxa n-nullita` tac-citazzjoni peress li fiha kawzali u talbiet alternativi. L-aggravju tieghu issa f'dan l-appell huwa li l-ewwel Qorti fl-ebda parti tas-sentenza ma ttrattat l-eccezzjoni tieghu dwar in-nullita` tac-citazzjoni minhabba r-raguni imsemmija. Fil-fatt jirrizulta li fil-parti dispozittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u laqghet it-

---

[1] L-Artikolu 730 tal-Kap. 12 jiddisponi li l-eccezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illegittimità ta' persuna, u l-eccezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitragg, *res judicata*, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, ghandhom jigu decizi b'kapi ghalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.

[2] Skond l-Artikolu 790 meta quddiem Qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni tan-nullita' tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq.

talbiet attrici, minghajr ma din l-eccezzjoni giet deciza b'kap separat – b'sentenza preliminari jew fl-istess sentenza li tiddeciedi l-meritu.

Il-ligi tal-procedura (Artikolu 730 fuq imsemmi) tesigi li l-eccezzjoni tan- nullita` ta' atti ghandha tigi deciza b'kap ghalih, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu – u dan kjarament ma sarx mill-ewwel Qorti. Issa huwa minnu li hemm sentenzi ta' dawn il-Qrati fis-sens li talba ghal nullita` ta' sentenza minhabba n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Art. 730 fuq imsemmi m'ghandhiex tigi "intrattenuta jekk l-appell isib li s-sentenza moghtija f'dak in-nuqqas hija gusta sostanzjalment" – (ara l-Artikolu 790 u Appell Civili fl-ismijiet **Avukat G. Vella v. Gatt**, Vol. XXIX-1-1063; **Sapiano v. Muscat**, Appell civili Vol. XV-p.43) – <u>izda dan kemm-il darba ma hemm xejn x'josta riferibbilment ghal dak li gie deciz fil-mertu</u>. Fil-kaz *de quo* l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kienet giet trattata kemm fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-bank appellat (ara fol. 157 para 12) kif ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta Rita Caligari a fol. 160 fit-tieni paragrafu. Izda kif gja` nghad, l-ewwel Qorti injorat totalment din l-eccezzjoni.

Izda mbaghad l-ewwel Qorti, ghalkemm ma epuratx l-eccezzjoni imsemmija dwar kawzali u talbiet alternattivi, ddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet kollha u laqghet flimkien it-talbiet attrici kemm dawk bazati fuq l-azzjoni revokatorja kif ukoll dawk bazati fuq l-azzjoni rexxissorja. Ghalhekk taht dan l-aspett is-sentenza ma tistax titqies bhala li hija sostanzjalment gusta billi l-Qorti kellha taghzel liema azzjoni l-bank attur irnexxilu jipprova u ma setghetx tilqa' z-zewg azzjonijiet f'daqqa.

Fid-dawl ta' din il-konkluzzjoni mhux il-kaz li din il-Qorti tkompli biex tezamina l-aggravji l-ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex din, wara li tkompli tisma' l-kawza fid-dawl tas-suespost, tghaddi ghad-decizjoni taghha skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha ta’ din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet ad eccezzjoni tad-dritt tar-registru li ghandu jigi sopportat nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------